2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tapplika għal kwalunkwe arrangiament għal rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas, parżjali jew kompleti, tad-dazji doganali jew tal-piżżejjiet li għandhom effett ekwivalenti, applikabbli fil-Komunità jew

fil-Faroes għal materjali użati fil-fabbrikazzjoni, fejn rifużjoni, remissjoni jew nuqqas ta' ħlas bħal dan jaapplika, bid-dritt jew b'effet, meta prodotti miksuba minn dawn il-materjali huma esportati u mhux meta jiġu miżmura għal użu domestiku hemm-hekk.

3. L-esportatur tal-prodotti koperti bi prova ta' oriġini għandu jkun ippreparat li jissottometti fi kwalunke ħin, meta mitlub mill-awtoritajiet doganali, id-dokumenti kollha approprijati li juru li ma nkisbet l-ebda rifużjoni fir-rigward tal-materjali li ma jorġinawx użati fil-fabbrikazzjoni tal-prodotti kkonċernati u li d-dazji doganali jew il-piżżejiet li għandhom effett ekwivalenti applikabbli għal materjali bħal dawn ġew effettivament imħallsin.

4. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 sa 3 għandhom jaapplikaw ukoll fir-rigward ta' kontenituri fis-sens ta' l-Artikolu 7(2), aċċessorji, *spare parts* u għodod fis-sens ta' l-Artikolu 8 u prodotti f'sett fis-sens ta' l-Artikolu 9 meta dawn l-oġġetti ma jkunux jorġinaw.

5. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1 sa 4 għandhom jaapplikaw biss fir-rigward ta' materjali li huma tat-tip li għalihom jaapplika l-Ftehim. Barra dan, m'għandhomx jipprekludu l-applikazzjoni ta' sistema ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal prodotti agrikoli, applikabbli fuq esportazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Ftehim.

jibbenefikaw minn dan il-Ftehim mingħajr ma jkun neċċessarju li jkunu sottomessi d-dokumenti msemmija hawn fuq.

Artikolu 16

Proċedura għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1

1. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta ma' l-applikazzjoni li ssir bil-miktub mill-esportatur jew, taħt ir-responsabbiltà ta' l-esportatur, mir-rappreżentant awtorizzat tiegħi.

2. Għal dan l-iskop, l-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħi għandhom jimlew kemm iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 kif ukoll il-formola ta' applikazzjoni, liema kampjuni jidħru fl-Anness III. Dawn il-formoli għandhom jimtlew f'waħda mill-ilsna li biha sar dan il-Ftehim u skond id-disposizzjonijiet tal-liġi interna tal-pajjiż li jesporta. Jekk dawn huma miktubin bl-idejn, għandhom jimtlew bil-linka b'ittri stampati. Id-deskrizzjoni tal-prodotti għandha tingħata fil-kaxxa riservata għal dan l-iskop mingħajr ma jitħallew linji vojta. Fejn il-kaxxa ma timtellex kompletament għandha ssir linja orizzontali taħt l-aħħar linja tad-deskrizzjoni, l-ispażju vojt għandu jiġi ngassat.

3. L-esportatur li jaapplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jkun ippreparat biex jippreżenta fi kwalunkwe ħin, fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta fejn inħareġ iċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1, id-dokumenti kollha approprijati li juru l-istatus tal-prodotti kkonċernati li jorġinaw kif ukoll it-twettiq tal-htiġiет l-oħra tal-Protokoll.

4. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru tal-KE jew tal-Faroes jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità jew fil-Faroes u jwettqu l-ħtiġi l-oħra tal-Protokoll.

5. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikat għandhom jieħdu l-passi neċċessarji biex jivverifikaw l-istatus tal-prodotti li jorġinaw u t-twettiq tal-ħtiġi l-oħra tal-Protokoll. Għal dan l-iskop, huma għandu jkollhom id-dritt li jsaqsu għal kwalunkwe evidenza u jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur u kwalunke kontroll ieħor meqjus approprijat. L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikat għandhom jiżguraw ukoll li l-formoli msemmija fil-paragħ fuq huma mlestija kif dovut. B'mod partikolari, għandhom jiċċekkjaw jekk l-ispażju riservat għad-deskrizzjoni tal-prodotti ġiex ikkomplata b'tali mod li jeskludi l-possibilitajiet kollha ta' addizzjonijiet frudulent.

6. Id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandha tiġi ndikata fil-Kaxxa 11 taċ-ċertifikat.

7. Ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jinħareġ mill-awtoritajiet doganali u jkun disponibbli għall-esportatur hekk kif tkun għiet effettwata jew żgurata l-esportazzjoni attwali.

TITOLU V

PROVA TA' ORIĠINI

Artikolu 15

Ħtiġiet ġenerali

1. Prodotti li jorġinaw fil-Komunità għandhom, ma' l-importazzjoni fil-Faroes, u prodotti li jorġinaw fil-Faroes, ma' l-importazzjoni fil-Komunità, jibbenefikaw minn dan il-Ftehim mas-sottomissjoni jew ta':

(a) ċertifikat ta' moviment EUR.1, liema kampjun jidher fl-Anness III; jew

(b) fil-każi spēċifikati fl-Artikolu 20 (1), dikjarazzjoni, it-test ta' liema jidher fl-Anness IV, mogħiġi mill-esportatur fuq fattura, fuq nota ta' kunsinna jew fuq kwalunkwe dokument kummerċjali li jiddeskrivi l-prodotti kkonċernati f'dettall bieżżejjed sabiex ikunu jistgħu jiġi identifikati (hawnhekk iżżejjed il-quddiem imsemmija bħala "dikjarazzjoni fuq il-fattura").

2. Minkejja l-paragrafu 1, prodotti li jorġinaw fis-sens ta' dan il-Protokoll għandhom, fil-każi spēċifikati fl-Artikolu 25,

Artikolu 17**Ċertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv**

1. Minkejja l-Artikolu 16 (7), ġertifikat ta' moviment EUR.1 jista' jinħareġ b'mod eċċeżżjonali wara l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirrelata jekk:

- (a) ma nħariġx fil-ħin ta' l-esportazzjoni minħabba żbalji jew omissjonijiet involontarji jew ċirkustanzi speċjali; jew
- (b) jiġi muri għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali li kien inħareġ ġertifikat ta' moviment EUR.1 imma ma kienx aċċettat għall-importazzjoni għal raġunijiet tekniċi.

2. Għall-implementazzjoni tal-paragrafu 1, l-esportatur għandu jindika fl-applikazzjoni tiegħu l-post u d-data ta' l-esportazzjoni tal-prodotti li għalihom jirrelata c-ċertifikat ta' moviment EUR.1, u jindika r-raġunijiet għat-tiegħi.

3. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu ġertifikat ta' moviment EUR.1 b'mod retrospettiv biss wara l-verifika li l-informazzjoni fornita fl-applikazzjoni ta' l-esportatur taqbel mal-fajl korrispondenti.

4. Ĝertifikati ta' moviment EUR.1 maħruġa b'mod retrospettiv għandhom jendorsjaw waħda mill-frażiċċi li ġejjin:

“NACHTRÄGLICH AUSGESTELLT”,

“DELIVRE A POSTERIORI”,

“RILASCIATO A POSTERIORI”,

“AFGEVEN A POSTERIORI”,

“ISSUED RETROSPECTIVELY”,

“UDSTEDT EFTERFØLGENDE”,

“EKΔΟΘΕΝ ΕΚ ΤΩΝ ΥΣΤΕΡΩΝ”,

“EXPEDIDO A POSTERIORI”,

“EMITIDO A POSTERIORI”,

“ANNETTU JÄLKIKÄTEEN”,

“UTFÄRDAT I EFTERHAND”,

“GIVIN EFTIRFYLGJANDI”.

5. L-endorsjar imsemmi fil-paragrafu 4 għandu jiddaħħal fil-kaxxa “Rimarki” taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1.

Artikolu 18**Ħruġ ta' duplikati taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1**

1. F'każ ta' serq, telf jew qirda ta' ġertifikat ta' moviment EUR.1, l-esportatur jista' jaapplika għall-awtoritajiet doganali li ħarġu dan iċ-ċertifikat għat-tieni kopja magħmula skond il-bażi tad-dokumenti għall-esportazzjoni fil-pussess tagħhom.

2. Id-duplikat maħruġ f'dan il-mod għandu jendorsja waħda minn dawn li ġejjin:

“DUPLIKAT”, “DUPLICATA”, “DUPLICATO”, “DUPLICAAT”, “DUPLICATE”, “ΑΝΤΙΓΡΑΦΟ”, “DUPLICADO”, “SEGUNDA VIA”, “ΙΑΚΣΟΙΣΚΑΠΠΑΛΕ”, “TVITAK”.

3. L-endorsjar imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiddaħħal fil-kaxxa “Rimarki” taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1

4. Id-duplikat, li għandu jgħorr id-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat ta' moviment EUR.1 oriġinali, għandu jkollu effett minn dik il-ġurnata.

Artikolu 19**Ħruġ ta' ġertifikati ta' moviment EUR.1 skond il-bażi ta' prova ta' oriġini maħruġa jew magħmula qabel.**

Meta prodotti li joriġinaw jitqiegħdu taħt il-kontroll ta' uffiċċju doganali fil-Komunità jew fil-Faroes, għandu jkun possibbi li l-prova ta' oriġini oriġinali tista' tinbidel b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 wieħed jew aktar għall-iskop li dawn il-prodotti jintbagħtu kollha jew xi wħud minnhom x'imkien ieħor fil-Komunità jew fil-Faroes. Is-sostizzjoni taċ-ċertifikat(i) ta' moviment EUR.1 għandha tinħareġ mill-uffiċċju doganali taħt liema kontroll jitqiegħdu l-prodotti.

Artikolu 20**Kondizzjonijiet biex issir dikjarazzjoni fuq il-fattura**

1. Dikjarazzjoni fuq il-fattura kif imsemmija fl-Artikolu 15 (1) (b) tista' ssir:

- (a) minn esportatur approvat fis-sens ta' l-Artikolu 21; jew
- (b) minn kwalunkwe esportatur għal kwalunkwe kunsinna li tikkonsisti f'kontenitū wieħed jew aktar li fihom prodotti li joriġinaw liema valur ma jaqbiżx is-6 000 ECU.

2. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' ssir jekk il-prodotti kkonċernati jistgħu jippreżenta bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Faroes u jwettqu l-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

3. L-esportatur li qed jagħmel dikjarazzjoni fuq il-fattura għandu jkun ippreparat li jippreżenta fi kwalunkwe ħin, fuq talba ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta, id-dokumenti kollha approprijati kkonċernati kif ukoll it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra tal-Protokoll.

4. Dikjarazzjoni fuq il-fattura għanda ssir mill-esportatur billi jittajpjha, jistampa jew jipprintja fuq dik il-fattura, fuq in-nota ta' kunsinna jew fuq kwalunkwe dokument kummerċjali ieħor id-dikjarazzjoni, liema test jidher fl-Anness IV, bl-użu ta' waħda

mill-verżjonijiet lingwistiċi stabbiliti f'dak l-Anness u skond id-disposizzjonijiet tal-liġi nterna tal-pajjiż li jesporta. Jekk id-dikjarazzjoni hi miktuba bl-idejn, dan għandu jsir bil-linka b'karattri stampati.

5. Id-dikjarazzjoni fuq il-fattura għandhom iġorru l-firma oriġinali ta' l-esportatur miktuba bl-idejn. Madankollu, esportatur approvat fis-sens ta' l-Artikolu 21 m'għandux ikun mitlub jiffirma dawn id-dikjarazzjoni fuq sakemm hu jaġhti lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta responsabbiltà bil-miktub li jaċċetta responsabbiltà kompleta għal kwalunkwe dikjarazzjoni tal-fattura li tidentifika lilu bħallikieku għiet iffirmsata bl-idejn minnu.

6. Dikjarazzjoni fuq il-fattura tista' ssir mill-esportatur meta l-prodotti li tirrelata magħhom huma esportati, jew wara l-esportazzjoni b'kondizzjoni li tiġi ppreżentata fil-pajjiż ta' importazzjoni mhux aktar tard minn sentejn wara l-importazzjoni tal-prodotti li tirrelata magħhom.

Artikolu 21

Esportatur approvat

1. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta jistgħu jawtorizzaw kwalunkwe esportatur li jeftettwa esportazzjoni fuq il-fattura irrispettivament mill-valur tal-prodotti kkonċernati. Esportatur li jfitter awtorizzazzjoni bħal din għandu joffri għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet doganali l-garanziji kollha neċċesarji biex ikun ivverifikat l-i-status oriġinarju tal-prodotti kif ukoll it-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jawtorizzaw l-i-status ta' l-esportatur approvat bla ħsara għal kwalunkwe kondizzjoni li huma jqisu xierqa.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jawtorizzaw lill-esportatur approvat numru ta' awtorizzazzjoni doganali li għandu jidher fuq id-dikjarazzjoni fuq il-fattura.

4. L-awtoritajiet dognali għandhom jikkontrollaw l-użu ta' l-awtorizzazzjoni mill-esportatur approvat.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirtiraw l-awtorizzazzjoni fl-kwalunkwe ħin. Huma għandhom jagħmlu dan meta l-esportatur awtorizzat ma jibqax joffri l-garanziji msemmija fil-paragrafu 1, ma jwettaqx il-kondizzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jew inkella jagħmel użu skorett ta' l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 22

Validità tal-prova ta' oriġini

1. Prova ta' oriġini għandha tkun valida għal erba' xħur mid-data tal-ħruġ fil-pajjiż għall-esportazzjoni, u għandha tiġi ppreżentata fl-imsemmi perjodu lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta.

2. Il-provi ta' oriġini li jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta wara d-data finali għall-preżentazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 jistgħu jiġi aċċettati għall-iskop biex jiġi applikat trattament preferenzjali, fejn in-nuqqas li jkunu ppreżentati dawn id-dokumenti sad-data finali stabbilita hu minħabba ċirkostanzi eċċeżżjonali.

3. F'każjiet oħra ta' prezantazzjoni li ssir tard, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta jistgħu jaċċettaw provi ta' oriġini meta l-prodotti jkunu ġew ippreżentati qabel l-imsemmija data finali.

Artikolu 23

Preżentazzjoni tal-prova ta' oriġini

Provi ta' oriġini għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta skond il-proċeduri applikabbi f'dak il-pajjiż. L-imsemmija awtoritajiet jistgħu jaċċiegħ traduzzjoni ta' prova ta' oriġini u jistgħu ukoll jaċċiegħ li d-dikjarazzjoni ta' importazzjoni tkun akkumpanjata minn prospett mill-importatur li juri li l-prodotti jilħqu l-kondizzjoni meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan il-Fejt.

Artikolu 24

Importazzjoni gradwali

Fejn, fuq talba ta' l-importatur u bil-kondizzjoni stabbiliti mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta, il-prodotti żmontati jew mhux immontati, fis-sens tar-Regola Ġenerali 2 (a) tas-Sistema Armonizzata li taq'a taħbi it-Taqsimiet XVI u XVII jew l-intestaturi Nru. 7308 u 9406 tas-Sistema Armonizzata, huma importati gradwalment, għandha tiġi ppreżentata prova ta' oriġini waħda għal prodotti bħal dawn lill-awtoritajiet doganali ma' l-ewwel importazzjoni.

Artikolu 25

Eżenzjonijiet mill-prova ta' oriġini

1. Prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar minn persuni privati għal persuni privati jew li jagħmlu parti mill-bagalji ta' l-ivjaġġar personali għandhom jiġu ammessi bħala prodotti li joriġinaw mingħajr il-ħtieġa ta' prezantazzjoni ta' prova ta' oriġini, sakemm prodotti bħal dawn mħumiex importati għall-kummer u ġew iddiċċkarati bħala li jilħqu l-ħtiġiet ta' dan il-Protokoll u fejn m'hemmi l-ebda dubju għall-veraċċità ta' dikjarazzjoni bħal din. Fil-każ ta' prodotti mibgħuta bil-posta, din id-dikjarazzjoni tista' ssir fuq id-dikjarazzjoni doganali C2/CP3 jew fuq biċċa karta annessa għal dak id-dokument.

2. L-importazzjonijiet li huma ta' natura okkażjonali u li jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-reċipjenti jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m'għandhomx jitqiesu bħala importazzjoni ta' natura kummerċjali jekk ikun hemm prova min-natura u mill-kwantità tal-prodotti li m'hemm l-ebda skop għall-finijiet kummeċjali.

3. Barra dan, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m'għandux jaq-beż il-500 ECU fil-każž ta' pakketti żgħar jew l-1 200 ECU fil-każž ta' prodotti li jifformaw parti mill-bagalji personali tal-vjaġġaturi.

Artikolu 26

Dokumenti ta' sostenn

Id-dokumenti msemmija fl-Artikoli 16 (3) u 20 (3) użati għall-iskop biex juru li l-prodotti koperti b'ċertifikat ta' moviment EUR.1 jew b'dikjarazzjoni fuq il-fattura jistgħu jitqiesu bħala prodotti li jorġinaw fil-Komunità jew fil-Faroes u li jwettqu l-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll jistgħu jikkonsistu, fost ħwejjeġ oħra, f'dawn li ġejjin:

- (a) prova diretta tal-proċessi mwettqa mill-esportatur jew mill-fornitur biex jikseb il-merkanzija kkonċernata, misjuba per eżempju fil-kontijiet tiegħu jew fis-sistema interni taż-żamma tal-kotba;
- (b) dokumenti li juru l-istatus orīginarju tal-materjali li ntużaw, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Faroes, fejn dawn id-dokumenti huma użati skond il-liġi nterna;
- (c) dokumenti li juru li t-tħaddim jew l-ipproċessar tal-materjali fil-Komunità jew fil-Faroes, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Faroes, fejn dawn id-dokumenti jintużaw skond il-liġi nterna;
- (d) ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew dikjarazzjoni jiet fuq il-fattura li juru l-istatus orīginarju tal-materjali użati, maħruġa jew magħmula fil-Komunità jew fil-Faroes skond dan il-Protokoll.

Artikolu 27

Preservazzjoni tal-prova ta' orīġini u tad-dokumenti ta' sostenn

1. L-esportatur li qed jaapplika għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandu jżomm, għal ta' l-inqas tliet snin, id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 16 (3).

2. L-esportatur li qed jagħmel dikjarazzjoni fuq il-fattura għandu jżomm, għal ta' l-inqas tliet snin, kopja ta' din id-dikjarazzjoni fuq il-fattura kif ukoll id-dokumenti kollha msemmija fl-Artikolu 20 (3).

3. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta li qed joħroġ ċertifikat ta' moviment EUR.1 għandhom iżommu, għal ta' l-inqas tliet snin, il-formola ta' applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 16 (2).

4. L-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta għandhom iżommu, għal ta' l-inqas tliet snin, iċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 u d-dikjarazzjoni jiet fuq il-fattura ppreżentati lilhom.

Artikolu 28

Diskrepanzi u żbalji formali

1. L-iskoperta ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjoni magħmula fil-prova ta' orīġini u dawk magħmula fid-dokumenti ppreżentati lill-uffiċċju doganali għall-iskop tat-twettiq ta' dawn il-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandhiex ipso facto tirrendi l-prova ta' orīġini nulla jekk ikun stabbilit kif dovut li dan id-dokument ma jikkorrespondix mal-prodotti ppreżentati.

2. Żbalji formali ovvji bħal żbalji tat-typing fuq il-prova ta' orīġini m'għandhomx jikkawżaw dan id-dokument li jkun rifjutat jekk dawn l-iż-żbalji mhumiex tali mod li joħolqu dubji dwar l-eżattezza tad-dikjarazzjoni jiegħi magħmula f'dan id-dokument.

Artikolu 29

Ammonti espressi f'ecu

1. Ammonti fil-munita nazzjonali tal-pajjiż li jesporta ekwivalenti għall-ammonti espressi f'ecu għandhom jiġu ffissati mill-pajjiż li jesporta u kkomunikati lill-pajjiż li jimportaw permezz tal-Kummissjoni Ewropea.

2. Meta l-ammonti huma superjuri għall-ammonti korrispondenti ffissati mill-pajjiż li jimporta, dan il-pajjiż għandu jaċċettahom jekk il-prodotti huma fatturati fil-munita tal-pajjiż li jesporta. Meta l-prodotti huma fatturati fil-munita ta' Stat Membru tal-KE ieħor, il-pajjiż li jimporta għandu jirrikonoxxi l-ammont notifikat mill-pajjiż ikkonċernat.

3. L-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali għandhom ikunu ekwivalenti f'dik il-munita nazzjonali ta' l-ammoni espressi f'ecu fl-ewwel ġuranta ta' xogħol f'Ottubru 1996.

4. L-ammonti espressi f'ecu u l-ekwivalenti tagħhom fil-muniti nazzjonali ta' l-Istati Membri tal-KE u tal-Faroes għandhom jiġu riveduti mill-Kumitat Konġunt fuq talba tal-Komunità jew tal-Faroes. Meta titwettaq din ir-reviżjoni, il-Kumitat Konġunt għandu jiżgura li ma jkun hemm l-ebda tnaqqis fl-ammonti li għandhom jintużaw fi kwalunkwe munita nazzjonali u għandu barra dan jikkunsidra x-xewqa li jinżammu l-effetti tal-limiti kkonċernati f'termini reali. Għal dan il-għan, jista' jiddeċiedi li jemenda l-ammonti espressi f'ecu.

TITOLU VI

ARRANĠAMENTI GĦAL KOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 30

Għajnuna reċiproka

1. L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri tal-KE u tal-Faroes għandhom jipprovdu lil xulxin, permezz tal-Kummissjoni Ewropea, b'kampjuni ta' firem użati fl-uffiċċiġi doganali tagħhom għall-ħruġ ta' ġċertifikati ta' moviment EUR.1 u bl-indirizzi ta' l-awtoritajiet doganali responsabbli għall-kontroll ta' dawn iċ-ċertifikati u tad-dikjarazzjoni fuq il-fattura.

2. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dan il-Protokoll, il-Komunità u l-Faroes għandhom jassistu lil xulxin, permezz ta' l-amministrazzjonijiet doganali kompetenti, fil-kontroll ta' l-awtentiċità taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew tad-dikjarazzjoni fuq il-fattura u l-eżattezza ta' l-informazzjoni mogħiġi f'dawn id-dokumenti.

Artikolu 31

Verifika tal-provi ta' oriġini

1. Verifikasi sussegwenti tal-provi ta' oriġini għandhom jitwettqu saltwarjament jew kull meta l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta għandhom dubji rägħonevoli dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti, dwar l-status oriġinarju tal-prodotti kkonċernati jew tat-twettiq tal-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

2. Għall-iskopijiet ta' l-implementazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta għandhom jirritornaw c-ċertifikat ta' moviment EUR.1 u l-fattura, jekk din ġiet ippreżentata, id-dikjarazzjoni fuq il-fattura, jew kopja ta' dawn id-dokumenti, lill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta waqt li jingħataw, fejn xiera, ir-raġunijiet għall-inkesta.

3. Il-verifika għandha titwettaq mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jesporta. Għal dan l-iskop, huma għandhom id-dritt li jitbolu għal kwalunkwe prova u li jwettqu kwalunkwe spezzjoni tal-kontijiet ta' l-esportatur jew kwalunke kontroll ieħor meqjus approprijat.

4. Jekk l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta jiddeċiedu li jissospendu l-awtorizzazzjoni tat-trattament preferenzjali għall-prodotti kkonċernati waqt li jkunu qed jistennew ir-riżultati tal-verifika, ir-rilaxx tal-prodotti jista' jiġi offrut lill-importatur bla ħsara għal kwalunkwe miżuri prekawzjonarji meqjusa neċċesarji.

5. L-awtoritajiet doganali li jitbolu l-verifika għandhom jiġu nformati bir-riżultati ta' din il-verifika kemm jista' jkun malajr.

Ir-riżultati għandhom jindikaw jekk id-dokumenti humiekk awtentiċi u jekk il-prodotti kkonċernati jistgħux jiġi kkunsidrat bħala prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Faroes u jwettqu l-ħtiġiet l-oħra ta' dan il-Protokoll.

6. F'każżejjiet ta' dubju rägħonevoli ma jkun hemm l-ebda risposta fi żmien 10 xhur mid-data tat-talba ta' verifika jew jekk ir-risposta ma jkunx fis-sħa biżżejjed informazzjoni biex tiġi determinata l-awtentiċità tad-dokument in kwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet doganali li qed jitħolbu dan għandhom, ħlief fċirkostanzi eċċeżżjonali, jirrifjutaw il-jedda għall-preferenzi.

Artikolu 32

Temmija ta' tilwim

Fil-każ ta' tilwim fir-rigward tal-proċeduri ta' verifika ta' l-Artikolu 31 li ma jistgħaxx jiġi riżolt bejn l-awtoritajiet doganali li qed jitħolbu verifika u l-awtoritajiet doganali responsabbli għat-twettiq ta' din il-verifika jew fil-każ ta' tilwima dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-Protokoll, dawn għandhom jiġi ppreżentati lill-Kumitat Konġunt. Fil-każżejjiet kollha it-temmija ta' tilwim bejn l-importatur u l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż li jimporta għandha tkun skond il-leġislazzjoni ta' l-imsemmi pajjiż.

Artikolu 33

Pieni

Il-pieni għandhom jiġi imposti fuq kwalunkwe persuna li jikkcompila jew li jgħiegħel li jiġi kkompilat dokument li fih informazzjoni skoretta għall-iskop li jinkiseb trattament preferenzjali għall-prodotti.

Artikolu 34

Żoni ħielsa

1. Il-Komunità u l-Faroes għandhom jieħdu l-passi kollha neċċesarji sabiex jiżgħuraw li l-prodotti kummerċjalizzati taħt il-koperta ta' prova ta' oriġini li fil-kors ta' trasport jużaw żona ħielsa li tinsab fit-territorju tagħhom, ma jkunux ogħġett ta' sostituzzjoni jew trasformazzjoni differenti mill-operazzjonijiet normali ddisinjati biex jevitaw id-deterjorament tagħhom.

2. Permezz ta' eżenzjoni mid-disposizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 1, meta prodotti li joriġinaw fil-Komunità jew fil-Faroes huma importati f'żona ħielsa taħt koperta ta' prova ta' oriġini u jkunu ogħġetti għal trattament jew proċċas, l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom joħorġu ġċertifikat ta' moviment EUR.1 ġdid fuq talba ta' l-esportatur, jekk it-trattament jew l-ipproċċas li jkun seħħi hu skond id-disposizzjoni ta' dan il-Protokoll.

TITOLU VII
CEUTA U MELILLA

Artikolu 35

Applikazzjoni tal-Protokoll

1. It-terminu "Komunità" użat fl-Artikolu 2 ma jkoprix Ceuta u Melilla.

2. Prodotti li jorġinaw fil-Faroes, meta importati f'Ceuta jew f'Melilla, għandhom igawdu fir-rispetti kollha l-istess reġim doganali bħal dik applikata għal prodotti li jorġinaw fit-territorju doganali tal-Komunità skond il-Protokoll 2 ta' l-Att ta' Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża għall-Komunitajiet Ewropea.

3. Għall-iskop ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 li jikkonċerna l-prodotti li jorġinaw f'Ceuta u f'Melilla, dan il-Protokoll għandu jaapplika *mutatis mutandis* bla ħsara għall-kondizzjonijiet speċjalisti stabbiliti fl-Artikolu 36.

Artikolu 36

Kondizzjonijiet speċjali

1. Sakemm ikunu trasportati direttament skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 12, dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala:

(1) prodotti li jorġinaw f'Ceuta u Melilla:

- (a) prodotti għalkollox miksubin f'Ceuta u Melilla;
- (b) prodotti miskubin f'Ceuta u Melilla li fil-fabbrikazzjoni tagħhom jintużaw prodotti oħra differenti minn dawk imsemmija f'(a), b'kondizzjoni li:

(i) l-imsemmija prodotti għaddew minn tħaddim jew proċessar biżżejjed fis-sens ta' l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll; jew li

(ii) dawk il-prodotti li jorġinaw fil-Faroes jew fil-Komunità fis-sens ta' dan il-Protokoll li kieno oġġetti għal tħaddim jew proċessar superjuri għat-tħaddim jew proċessar mhux biżżejjed imsemmi fl-Artikolu 6 (1).

(2) prodotti li jorġinaw fil-Faroes:

(a) prodotti għalkollox miksuba fil-Faroes;

(b) prodotti miksuba fil-Faroes, li fil-fabbrikazzjoni tagħhom jintużaw prodotti oħra differenti minn dawk imsemmija f'(a), b'kondizzjoni li:

(i) l-imsemmija prodotti għaddew minn tħaddim jew proċessar biżżejjed fis-sens ta' l-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll; jew li

(ii) dawk il-prodotti li jorġinaw f'Ceuta u fil-Melilla jew fil-Komunità fis-sens ta' dan il-Protokoll li kieno oġġetti għal tħaddim jew proċessar superjuri għat-tħaddim jew proċessar mhux biżżejjed imsemmi fl-Artikolu 6 (1).

2. Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala territorju wieħed.

3. L-esportatur jew ir-rappreżtant awtorizzat tiegħu għandhom iniżżlu "il-Faroes" u "Ceuta u Melilla" fil-kaxxa 2 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fid-dikjarazzjoni fuq il-fattura. B'addizzjoni, fil-każ ta' prodotti li jorġinaw f'Ceuta u Melilla, dan għandu jiġi ndikat fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikati ta' moviment EUR.1 jew fid-dikjarazzjoni fuq il-fattura.

4. L-awtoritajiet doganali Spanjoli għandhom ikunu responsabili għall-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll f'Ceuta u Melilla.

ANNESS I

NOTI INTRODUTTORJI GĦAL-LISTA FL-ANNESS II

Nota 1:

Il-lista tistabbilixxi l-kondizzjonijiet meħtieġa għall-prodotti kollha biex jitqiesu bħala mħaddma u pproċessati biżżejjed fis-sens ta' l-Artikolu 5 tal-Protokoll.

Nota 2:

- 2.1 L-ewwel żewġ kolonni fil-lista jiddiskrievu l-prodott miksub. L-ewwel kolonna tagħti n-numru ta' l-intestatura jew in-numru tal-kapitolu użat fis-Sistema Armonizzata u t-tieni kolonna tagħti d-deskrizzjoni tal-merkanzija użata f'dik is-sistema għal dik l-intestatura jew dak il-kapitolu. Għal kull punt fl-ewwel żewġ kolonni hemm speċifikata regola fil-kolonni 3 jew 4. Fejn, f'ċerti każi, il-punt fl-ewwel kolonna hu preċedut b' "ex", dan ifisser li r-regoli fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw biss għall-parti ta' dik l-intestatura kif deskritta fil-kolonna 2.
- 2.2 Fejn diversi numri ta' intestatura huma miġbura flimkien fil-kolonna 1 jew in-numru tal-kapitolu, u b'konsegwenza d-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 tingħata f'termini ġenerali, ir-regoli korrispondenti fil-kolonna 3 jew 4 japplikaw għall-prodotti kollha li, skond is-Sistema Armonizzata, huma klassifikati fintestaturi tal-kapitolu jew fi kwalunkwe intestatura miġbura flimkien fil-kolonna 1.
- 2.3 Fejn hemm regoli differenti f'dik il-lista li japplikaw għal prodotti differenti fintestatura, kull inċiż ikun fih id-deskrizzjoni ta' dik il-parti ta' l-intestatura koperta bir-regoli korrispondenti fil-kolonni 3 jew 4.
- 2.4 Fejn, għal punt fl-ewwel żewġ kolonni, hemm speċifikata regola kemm fil-kolonna 3 kif ukoll fil-kolonna 4, l-esportatur jista' jagħżel, bħala alternattiva, li japplikaw jew ir-regola stabbilita fil-kolonna 3 jew dik stabbilita fil-kolonna 4. Jekk l-ebda regola ta' oriġini mhi mogħtija fil-kolonna 4 għandha tiġi applikata r-regola stabbilita fil-kolonna 3.

Nota 3:

- 3.1. Id-disposizzjonijiet fl-Artikolu 5 tal-Protokoll li jikkonċernaw prodotti li kisbu status oriġinarju li jintużaw għall-fabrikazzjoni ta' prodotti oħra japplikaw indipendentament mill-fatt jekk dan l-istatus ġiex miksub ġol-fabrika fejn dawn il-prodotti jintużaw jew ffabrika oħra fil-Komunità jew fil-Faroes.

Eżempju:

Magna bl-intestatura Nru 8407, għal liema r-regola tiddikjara li l-valur tal-materjali li ma jorġinawx li jistgħu jkunu nkorporati ma jistax jaqbeż 40 % tal-prezz ex-works, hi magħmulu minn "liga ta' l-azzar oħra ffurmata b'mod goff bil-forġa" ta' l-intestatura Nru ex 7224.

Jekk il-kiwi tal-metalli ġie mikwi fil-Komunità minn lingotta li ma toriġinax, din diġà kisbet status li jorġina skond ir-regola għall-intestatura Nru ex 7224 fil-lista. Il-kiwi tal-metalli għandu mbagħad jitqiesu bħala li jorġina fil-kalkolu tal-valur għall-magna indipendentament mill-fatt li għiet prodotta fl-istess fabbrika jew ffabrika oħra fil-Komunità. Il-valur ta' l-ingotta li ma toriġinax għalhekk ma jittieħidx f'konsiderazzjoni fl-addizzjoni tal-valur tal-materjali li ma jorġinawx li ntużaw.

- 3.2. Ir-regola fil-lista tirrappreżenta l-ammont minimu tat-tħaddim jew ta' l-ipproċessar meħtieġ u t-twettiq ta' aktar tħaddim u proċessar jikkonferixxi wkoll status oriġinarju; għall-kuntrarju, it-twettiq ta' anqas tħaddim u proċessar ma jistax jikkonferixxi status oriġinarju. Għalhekk jekk regola tipprova li materjal li ma jorġinax jista' jintuża f'ċertu livell ta' fabbrikazzjoni, l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar kmieni tal-fabrikazzjoni hu permess u l-użu ta' materjal bħal dan fi stadju aktar tard mhux permess.
- 3.3. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 3.2 fejn regola tiddikjara li jistgħu jintużaw "materjali ta' kwalunkwe intestatura", il-materjali ta' l-istess intestatura bħall-prodott jistgħu jintużaw ukoll, bla ħsara, madankollu, għal-limitazzjoni speċifiċi li jistgħu jkunu fir-regola. Madankollu, l-espressjoni "fabrikazzjoni minn materjali

ta' kwalunkwe intestatura, inkluż materjali oħrajn ta' intestatura Nru....." tħisser li materjali klassifikati fl-istess intestatura tal-prodott b'deskrizzjoni differenti minn dik tal-prodott kif mogħtija fil-kolonna 2 tal-lista' biss jistgħu jintużaw.

- 3.4. Meta regola fil-lista tispeċifika li prodott jista' jkun fabbrikat bl-użu ta' aktar minn materjal wieħed, dan ifisser li jistgħu jintuża kwalunkwe materjal wieħed jew aktar. Mhux meħtieġ li jintużaw kollha.

Eżempju:

Ir-regola għal tessuti ta' l-intestatura bin-Nri 5208 sa 5212 tipprovdi li jistgħu jintużaw fibri naturali u li jistgħu jintużaw ukoll materjali kimiċi, fost materjali oħra. Dan ma jfissirx li ż-żeġġ materjali jridu jintużaw; hu possibl li jintuża jew wieħed jew it-tnejn li huma.

- 3.5. Fejn regola fil-lista tispeċifika li prodott għandu jkun fabbrikat minn materjal partikolari, il-kondizzjoni ovvijament ma tostakolax l-użu ta' materjali oħra li, minħabba n-natura inerenti tagħhom ma jistgħux jissodis faw ir-regola. (Ara wkoll Nota 6.2 hawn taħt relatata mat-tessuti)

Eżempju:

Ir-regola għal ikel ippreparat ta' l-intestatura Nru 1904 li speċifikament teskludi l-użu ta' ċereali u d-derivattivi tagħhom ma tostakolax l-użu ta' imluħa minerali, kimiċi u addittivi oħrajn li m'humiex prodotti minn ċereali.

Madankollu, dan ma japplikax għal prodotti li, għalkemm ma jistgħux jiġi fabbrikati minn materjali partikolari speċifikati fil-lista, jistgħu jiġi prodotti minn materjali ta' l-istess natura fi stadju aktar bikri tal-fabbrikazzjoni.

Eżempju:

Fil-każ ta' oġġett ta' ilbies ta' l-ex Kapitolu 62 fabbrikat minn materjali mhux minsuġa, jekk ir-regola tippreskrivi li għal kategorija bħal din l-unika materjal li ma jorġinax awtorizzat hu l-użu ta' ħġi, mhux possibl li jinbdew minn "drapp mhux minsuġ" - anke jekk drappiġiet mhux minsuġin ma jistgħux normalment isiru minn ħajt. F'każżejjiet bħal dawn, il-materjal ta' tluq għandu normalment jinstab fi stadju ta' qabel il-ħġiut - fi kliem ieħor l-istadju tal-fibra.

- 3.6. Fejn, fregola fil-lista, jingħataw żewġ perċentwali għall-valur massimu ta' materjali li ma jorġinawx li jistgħu jintużaw, dawn iż-żewġ perċentwali m'humiex kumulattivi. Fi kliem ieħor, il-valur massimu tal-materjali kollha li ma jorġinawx użati ma jista' qatt jaqbeż l-ogħla tal-perċentwali mogħtija. Barra dan, il-perċentwali individuali ma jistgħux jiġi maqbuża fir-rigward tal-materjali partikolari li japplikaw għalihom.

Nota 4:

- 4.1. It-terminu "fibri naturali" jintuża fil-lista biex jirreferi għal fibri għajr dawk artifiċjali jew sintetiċi. Hu restritt għall-istadji qabel isehħi l-għażiż, inkluż ir-ruttam, u, ħliet meta speċifikat mod ieħor, jinkludi fibri li ġew imqardxa, minxuta jew inkella proċessati imma mhux magħżula.
- 4.2. It-terminu "fibri naturali" jinkludi krin tan-Nri 0503, ħarir tan-Nri 5002 u 5003 kif ukoll fibri tas-suf, il-pil fin jew ħarex tan-Nri 5101 sa 5105, il-fibri tal-qoton tan-Nri 5201 sa 5203 u fibri oħra veġetal tan-Nri 5301 sa 5305.
- 4.3. It-terminu "massa tat-tessut", "materjali kimiċi" u "materjali għall-fabbrikazzjoni tal-karta" huma użati fil-lista biex jiġi deskritti l-materjali mhux klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63, li jistgħu jintużaw biex jiġi fabbrikati fibri jew sjuf artifiċjali, sintetiċi jew tal-karta.
- 4.4. It-terminu "fibri prinċipali sintetiċi jew artifiċjali" jintuża fil-lista biex jirreferi għal stoppa tal-filament, fibri prinċipali jew ruttam sintetiku jew artifiċjali, tan-Nri 5501 sa 5507.

Nota 5:

- 5.1 . Jekk għal xi prodott fil-lista ssir referenza għal din in-nota, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 3 m'għandhomx japplikaw għal kwalunkwe materjali bażiċi tat-tessut, użati fil-fabbrikazzjoni ta' dan il-prodott, li, jekk jittieħdu flimkien, jirrappreżentaw 10 fil-mija jew inqas tal-piż totali tal-materjali tat-tessut bażiċi kollha użati. (Ara wkoll Noti 5.3 u 5.4 tħawn taħt).

5.2. Madankollu, it-tolleranza msemmija fin-Nota 5.1. tista' tkun applikata biss għal prodotti mħallta li ġew iffabrikati minn żewġ materjali tat-tessut bażiċi jew aktar.

Dawn li ġejjin huma l-materjali tat-tessut bażiċi:

- ħarir,
- suf,
- pil aħrax ta' l-annimali,
- pil fin ta' l-annimali,
- krin,
- qoton,
- materjali u karta biex tiġi ffabbrikata l-karta,
- kittien,
- qanneb,
- ġuta u fibri tat-tilju oħra;
- sisal u fibri oħra tal-ġeneru Agave,
- ġewż ta' l-Indi, manilla, rami u fibri veġetali oħra tat-tessut,
- filamenti sintentiċi,
- filamenti artifiċjali;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' polipropelin;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' poliester;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' poliamide;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' polyacrylonitrile;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' poliimide;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' polytetrafluorethylene;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' polyphenylene sulphide;
- fibri prinċipali sintetiċi ta' polyvinyl chloride;
- fibri prinċipali sintetiċi oħrajn;
- fibri prinċipali artifiċjali tal-visk;
- fibri prinċipali artifiċjali oħrajn;
- fili magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibli ta' polyeter, anki b'orlatura;
- fili magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibli ta' poliester, anki b'orlatura;
- prodotti ta' l-intestatura Nru 5605 (fili metalizzati) li jinkorporaw strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' folji ta' aluminju, jew qalba ta' film magħmul mill-plastik, anke miksija bi trab ta' l-aluminiju, b'wisgħa li ma taqbix 5 mm, imdaħħla permezz ta' sustanza li twaħħal trasparenti jew ikkulurita bejn żewġ saffi ta' film tal-plastika;
- prodotti oħra ta' l-intestatura Nru 5605.

Eżempju:

Ħjut ta' l-intestatura Nru 5205 magħmula minn fibri tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5203 u minn fibri prinċipali sintetiċi ta' l-intestatura Nru 5506 huma ħjut imħallta. Għalhekk, fibri prinċipali sintentiċi li ma joriġinawx u li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu fabbrikazzjoni minn materjali kimiċi jew stoppa tat-tessut) jew ħjut tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu fabbrikazzjoni minn fibri naturali, mhux imqardxa jew minxuta jew inkella ppreparati mod ieħor għall-għażil) jew taħħita tat-tnejn jistgħu jintużaw sa 10 fil-mija tal-piż tal-ħjut.

Eżempju:

Drapp tas-suf ta' l-intestatura Nru 5112 magħmul minn ħjut tas-suf ta' l-intestatura Nru 5107 u minn ħjut sintentiċi ta' fibri prinċipali ta' l-intestatura Nru 5509 hu drapp imħallat. Għalhekk ħjut sintentiċi li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu fabbrikazzjoni minn materjali kimiċi jew stoffa tat-tessut) jew ħjut tas-suf li ma jissodisfawx ir-regoli ta' oriġini (li jeħtieġu fabbrikazzjoni minn fibri naturali, mhux imqardxa jew minxuta jew inkella ppreparati mod ieħor għall-għażil) jew taħħita tat-tnejn jistgħu jintużaw sakemm il-piż totali tagħhom ma jaqbix l-10 fil-mija tal-piż tad-drapp.

Eżempju:

Drapp tat-tessut bit-trof ta' l-intestatura Nru 5802 magħmul minn ħjut tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5205 u minn drapp tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5210 hu prodott imħallat biss jekk id-drapp tal-qoton hu hu nnifsu drapp imħallat magħmul minn ħjut ikklasseifikati f'żewġ intestaturi separati jew jekk il-ħjut tal-qoton użati huma nnifishom imħallta.

Eżempju:

Jekk id-drapp tat-tessut bit-trofot ikkonċernat kien magħmul minn ġejtu tal-qoton ta' l-intestatura Nru 5205 u minn drapp sintentiku ta' l-intestatura Nru 5407, ovvijament, il-ġejtu użati huma żewġ materjali tat-tessut bażiċi separati u d-drapp tat-tessut bit-trofot hu għalhekk prodott imħallat.

Eżempju:

Tapit bit-trofot magħmul minn ġejtu artifiċjali u minn ġejtu tal-qoton u bil-qafas tal-ġuta hu prodott imħallat minħabba li ntużaw tliet materjali tat-tessut bażiċi. Għalhekk jista' jintuża kwalunkwe materjal li ma joriġinax li jinsab fi stadju suċċessiv tal-fabbrikazzjoni għal dak ikkonsentit mir-regola, sakemm il-piż totali tal-materjal ma jaqbix l-10 fil-mija tal-piż tal-materjali tat-tessut tat-tapit. Għalhekk, il-qafas tal-ġuta u/jew il-ġejtu artifiċjali jistgħu jiġi importati f'dak l-istadju tal-fabbrikazzjoni, sakemm jintlaħqu l-kondizzjonijiet tal-piż.

- 5.3. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "ħejtu magħmula minn polyurethane issegmentat b'segmenti flessibli ta' polyether, anke b'orlatura", din it-tolleranza hi 20 fil-mija fir-rigward ta' dan il-ħajt.
- 5.4. Fil-każ ta' prodotti li jinkorporaw "strixxa li tikkonsisti f'qalba ta' folji ta' aluminju, jew qalba ta' film magħmul mill-plastik, anke miksija bi trab ta' l-aluminju, b'wisgħa li ma taqbix 5 mm, imdaħħla permezz ta' sustanza li twaħħal trasparenti jew ikkularita bejn żewġ saff ta' film tal-plastika", din it-tolleranza hi 30 fil-mija fir-rigward ta' din l-istrixxa.

Nota 6:

- 6.1. Fil-każ ta' dawk il-prodotti tat-tessut li huma mmarkati fil-lista permezz ta' nota tal-qiegħ li tirreferi għal din in-nota, il-materjali tat-tessut, b'eċċeżżjoni ta' l-inforra u l-kontro-inforra, li ma jissodisfawx ir-regola stabbilita fil-lista fil-kolonna 3 għall-prodott lest ikkonċernat sakemm ma jiġux ikklassifikati f'intestatura differenti minn dik tal-prodott u li l-valur tagħhom ma jaqbix it-8 fil-mija tal-prezz ex-works tal-prodott.
- 6.2. Mingħajr preġudizzju għan-Nota 6.3, il-materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 jistgħu jintużaw liberamente fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti tat-tessut, anke jekk ma fihomx tessut.

Eżempju:

Jekk regola fil-lista tipprovdli li għal oġġett partikolari tat-tessut, bħal qliezet, għandu jintuża l-ħajt, dan ma jostakolax l-użu ta' oġġetti tal-metall, bħal buttuni, peress li l-buttni mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63. Għall-istess raġuni, ir-regola ma tostakolax l-użu ta' qafliet li jiżżeरżqu anke jekk dawn it-tip ta' qafliet normalment fihom it-tessut.

- 6.3. Meta tapplika regola ta' perċentwali, il-valur ta' materjali li mhumiex klassifikati fil-Kapitoli 50 sa 63 għandu jittieħed f'konsiderazzjoni meta jkun ikkalkolat il-valur tal-materjali inkorporati li ma joriġinawx

Nota 7:

- 7.1. Għall-iskopijiet tan-Nri ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901 u ex 3403, il-“procéss speċifiċi” huma dawn li ġejjin:
 - (a) distillazzjoni taħt vakwu;
 - (b) ridistillazzjoni b'procéss ta' tqassim ta' frazzjonijiet magħmul bl-akbar reqqa (¹);
 - (c) cracking;
 - (d) reforming;
 - (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
 - (f) il-procéss li fih l-operazzjonijiet segwenti kollha: procéssar permezz ta' aċidu sulfuriku konċentrat, anidride oleu jew sulfuriku, newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini, tneħħija tal-kuluri u purifikazzjoni b'ħamrija attiva naturali, b'ħamrija attivata, b'karbončin attivat jew b'bauxite;
 - (g) polymerization;
 - (h) alkylation;
 - (i) isomerizzazzjoni.

(¹) Ara Nota ta' Spjegazzjoni Addizzjonal 4 (b) għal Kapitolu 27 tan-Nomenklatura Magħquda

7.2. Għall-iskopijiet tan-Nru 2710, 2711 u 2712, il-“proċessi speċifċi” huma dawn li ġejjin:

- (a) distillazzjoni taħt vakwu;
- (b) ridistillazzjoni b'proċess ta' tqassim ta' frazzjonijiet magħmul bl-akbar reqqa (¹);
- (c) cracking;
- (d) reforming;
- (e) estrazzjoni permezz ta' solventi magħżula;
- (f) il-proċess li fih l-operazzjonijiet segwenti kollha: proċessar permezz ta' aċidu sulfuriku konċentrat, *anidride oleum* jew sulfuriku, newtralizzazzjoni b'aġenti alkalini, tneħħija tal-kuluri u purifikazzjoni b'ħamrija attiva naturali, b'ħamrija attivata, b'karbonċin attivat jew b'bauxite;
- (g) polymerization;
- (h) alkylation;
- (i) isomerizzazzjoni.
- (j) fir-rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-tnejħħija tal-kubrit b'idroġenu li tirriżulta fi tnaqqis ta' minn ta' l-inqas 85 fil-mija tal-kontenut tal-kubrit tal-prodotti pproċessati (metodu ASTM D 1266-89 T);
- (k) fir-rigward ta' prodotti li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 2710 biss, it-tnejħħija tal-pitrolju b'proċess li hu differenti minn filtrazzjoni;
- (l) fir-rigward ta' żjut tqal li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, it-trattament bl-idroġenu f'pressjoni ta' aktar minn 20 bar u f'temperatura ta' aktar minn 250 °C bl-użu ta' katalizzatur, differenti minn tnejħħija tal-kubrit, meta l-idroġenu jikkostitwixxi element attiv f'reazzjoni kimika. It-trattament addizzjonali bl-idroġenu taż-żjut lubrikanti ta' l-intestatura Nru ex 2710 (eż. *hydrofinishing* jew tnejħħija tal-kulur) sabiex, speċjalment, biex jittejeb il-kulur jew l-istabilità, m'għandux, madankollu, jitqies bħala proċess speċifiku;
- (m) fir-rigward ta' żjut kombustibbli li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, distillazzjoni atmosferika, b'kondizzjoni li inqas minn 30 fil-mija ta' dawn il-prodotti jiddistillaw, bil-volum, inkluż it-telf, f'temperatura ta' 300 °C bil-metodu ASTM D 86.
- (n) Fir-rigward ta' żjut tqal għajr diesel u żjut kombustibbli li jaqgħu taħt l-intestatura Nru ex 2710 biss, trattament permezz ta' messa elettrika bi frekwenza għolja.

7.3. Għall-iskopijiet tan-Nri ex 2707, 2713 sa 2715, ex 2901, ex 2902 u ex 3403, operazzjonijiet sempliċi bħal tindif, *decanting*, tnejħħija tal-melħ, separazzjoni ta' l-ilma, filtraġġ, tiżbigħ, markar, il-ksib ta' kontenut ta' kubrit b'rīzultat ta' taħlit ta' prodotti b'kontenut differenti ta' kubrit, kwalunkwe taħlita ta' dawn l-operazzjonijiet jew operazzjonijiet simili ma jikkonferixxu l-oriġini.

(¹) Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura tkun magħmula minn esportatur approvat skond it-tifsira ta' l-Artikolu 21 tal-Protokoll, in-numru ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-esportatur approvat għandu jidħol f'dan l-ispazju. Meta d-dikjarazzjoni tal-fattura ma ssirx minn esportatur approvat, il-kliem fil-parentesi għandhom jitħallew barra jew l-ispazju jitħalla vojt.

ANNESS II

LISTA TA' ĦIDMIET U PROĊESSAR MEĦTIEĠA LI JIĠU MWETTQA FUQ MATERJALI MHUX ORIĠINATI BIEX IL-PRODOTT IMMANIFATTURAT IKUN JISTA' JIKSEB STAT TA' L-ORIĠINI

Il-prodotti msemmija f'din il-lista jistgħu ma jkunux koperti mill-Ftehim. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu kkonsultati l-partijiet l-oħra tal-Ftehim

HS intestatura Nru	Deskrizzjoni tal-prodott	Ħidma u proċċassar mwettqa fuq materjali mhux oriġinati li jikkonferixxu għal stat ta' oriġini		
		(3)	ali	(4)
Kapitolu 1	Annimali ħajjin	L-annimali kollha tal-Kapitolu 1 għandu ikunu miksuba għal kollox		
Kapitolu 2	Laħam u laħam ta' l-interjuri li jittiekel	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 1 u 2 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
Kapitolu 3	Ħut u krustaċċei, molluski u invertebrati akkwatiċi oħra	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolo 3 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
ex Kapitolu 4	Prodotti tal-ħalib; bajd tal-għasafar; għasel naturali; prodotti li jittieklu li jorġinaw mill-annimali, imkien ieħor speċifikati jew inklużi ħlief għal:	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolo 4 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
0403	Xorrox, ħalib magħquđ u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħra ffermentati u aċidifikati, sew jekk konċentrati u sew jekk le jew li fihom zokkor miżjud jew materji oħra li jaġħtu l-ħlewwa jew togħma jew li fihom frott, ġewż u kawkaw miżjud	Manifattura li fiha: <ul style="list-style-type: none">— il-materjali kollha użati tal-Kapitolo 4 għandhom ikunu miksuba għal kollox— kull meraq tal-frott (ħlief dawk ta' l-ananas, lumiċċell jew grejpfrut) użati ta' intestatura Nru 2009 għandhom ikunu diġa oriġinati— il-valur ta' kull materjal użat tal-Kapitolo 17 m'għandux ikun iktar minn 30 % tal-prezz tal-prodott kif ħareġ mill-fabbrika		
ex Kapitolu 5	Prodotti li jorġinaw mill-annimali, imkien ieħor speċifikati jew inklużi; ħlief għal:	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolo 5 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
ex 0502	Lanzit u xagħar tal-ħnieżer, jew ħnieżer tar-refgħa ppreparati	Tindif, disinfettar, tqassim u ddrittar ta' lanzit u xagħar		

(1)	(2)	(3)	ali (4)
Kapitolu 6	Siġar ħajjin u pjanti oħra; basal, għeruq u oħra bħal dawn; fjuri maqtugħha u foljam ornamentali	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-materjali kollha tal-Kapitolu 6 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox — il-valur tal-materjali kollha m'għandux ikunu iktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott kif ħareġ mill-fabbrika 	
Kapitolu 7	Ħaxix li jittiekel u ġerti għeruq u tuberi	Manifattura li fiha il-materjali kollha tal-Kapitolu 7 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
Kapitolu 8	Frott u ġewż li jittiekel, qxur tal-frott taċ-ċitru u bettieħ	<p>Manifattura li fiha:</p> <ul style="list-style-type: none"> — il-frott u l-ġewż kollu użat għandu jkun miksub għal kollox — il-valur tal-maerjali kollha tal-Kapitolu 17 m'għandux ikun iktar minn 30 % tal-valur tal-prezz tal-prodott kif ħareġ mill-fabbrika 	
ex Kapitolu 9	Kafe, te, mate' u ħawwar; ħlief għal:	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 9 għandhom ikunu miksuba għal kollox	
0901	Kafe sew jekk mixwi jew dekafeinat; qxur tal-kafe; sostituti tal-kafe li sihom kafe f'kull proporzjon	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
0902	Te, sew jekk bit-togħma u sew jekk le	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
ex 0910	Taħlita ta' ħawwar	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura	
Kapitolu 10	Ċereali	Manifattura li fiha il-materjali kollha tal-Kapitolu 10 użati għandhom ikunu miksuba għal kollox	
ex Kapitolu 11	Prodotti ta' l-industrija tat-tħin; xgħir; lamtu; inulina; glutina tal-qamħ; ħlief għal:	Manifattura li fiha iċ-ċereali, ħaxix li jittiekel, għeruq u tuberi kollha ta' intestatura Nru 0714 jew frott użat għandhom ikunu miksuba għal kollox	
ex 1106	Dqiq, qamħ mitħun oħxon u trab ta' ħaxix nie-xef, ħxejjex leguminużi bil-qoxra ta' intestatura Nru 0713	Tnixxif u tħin ta' ħaxix leguminużi ta' l-intestatura Nru 0708	

(1)	(2)	(3)	ali	(4)
Kapitolu 12	Żrieragħ taż-żejt u frott li jiproduċi ż-żejt; diversi qmuħ, żrieragħ u frott; pjanti industrijali u mediċinali; tiben u magħlef	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 12 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
1301	Gommalakka; gomma naturali, reżina, reżina tal-gomma u oleoġa (per eżempju, balzmi)	Manifattura li fiha il-valur ta' kull materjal użat ta' intestatura Nru 1301 ma għandux ikun iktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott kif ħareġ mill-fabrika		
1302	Likwidi tal-ħnejjex u estratti; sustanzi tal-pektin, pektinati u pektati; agar-agar u muċilaġni u sustanzi li jagħqu l-l-kwidi oħra, sew jekk immodifikati jew derivati minn prodotti veġetali jew le. — Muċilaġni u sustanzi li jagħqu l-l-kwidi, immodifikati, derivati minn prodotti veġetali — Oħra	Manifattura minn muċilaġni u sustanzi li jgħaqqu l-l-kwidi mux modifikati Manifattura li fiha il-valur ta' kull materjal użat m'għandux ikun iktar minn 50 % tal-prezz tal-prodott kif ħareġ mill-fabrika		
Kapitolu 14	Materjali ta' <i>plaiting</i> veġetali; prodotti ta' ħaxix mux imkien ieħor speċifikati jew inklużi	Manifattura li fiha il-materjali kollha għandhom ikunu miksuba għal kollox		
ex Kapitolu 15	Xaħam ta' l-annimali jew veġetali u żjut u il-prodotti maqtugħin tagħhom; xaħam li jittiekel ippreparat; xama' ta' annimali jew veġetali; ħliet għal:	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati huma klassifikati ġewwa xi intestatura barra dik tal-prodott		
1501	Xaħam tal-ħanżir (inkluż lardu) u xaħam tat-tjur, ħliet dawk ta' intestatura Nru 0209 jew 1503: — Xaħam minn għadam jew skart	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura ħliet għal dawk ta' intestatura Nru 0203, 0206 jew 0207 jew għadam ta' intestatura Nru 0506		
	— Oħra	Manifattura minn laħam u interjuri ta' ħnieżer li jittiekel ta' intestatura Nru 0203 jew 0206 jew ta' laħam u interjuri ta' tjur li jittiekel ta' intestatura Nru 0207		
1502	Xaħam ta' l-annimali ta' l-ifrat, nagħaq jew mogħoż, ħliet dawk ta' intestatura Nru 1503 — Xaħam minn għadam jew skart	Manifattura minn' materjali ta' kull intestatura ħliet għal dawk ta' intestatura Nru 0201, 0202, 0204 jew 0206 jew għadam ta' intestatura Nru 0506		

(1)	(2)	(3)	ali	(4)
1502 (ikompli)	— Oħra	Manifattura li fiha il-materjali kollha użati għandhom ikunu miksuba għal kollox		
1504	Xaħam u żjut u frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammali tal-baħar , sew jekk irraffinati u sew jekk le, imma mux kimikament modifikati: — Frazzjonijiet Solidi — Oħra	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħra ta' intestatura Nru 1504 Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitoli 2 u 3 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
ex 1505	Lanolin raffinat	Manifattura minn griż ta' suf mux raffinat ta' intestatura Nru 1505		
1506	Xaħmijiet u żjut ta' annimali oħra u frazzjonijiet tagħhom, sew jekk raffinati u sew jekk le, imma mux kimikament modifikati: — Frazzjonijiet Solidi — Oħra	Manifattura minn materjali ta' kull intestatura inklużi materjali oħra ta' intestatura Nru 1506 Manifattura li fiha il-materjali kollha użati tal-Kapitolu 2 għandhom ikunu miksuba għal kollox		
